MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Numru 654/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Daniel Zammit**

**vs**

**Daniel Mercieca**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Daniel Zammit ta’ 58 sena, bin Anthony u Cathleen nee’ Hart, mwieled Mtarfa nhar it-02 ta’ Lulju 1950 u residenti gewwa 14, Chetcuti Apartments Flt3, Triq il-Gogi, Swieqi u detentur tal-karta tal-identita’ numru 570450(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Bejn Settembru 2002 u Settembru 2004, gewwa Triq l-Industriji, Kirkop, ikkommetta serq ta’ deheb minn gewwa

l-kumpanija ST Microelectronics (Malta) Ltd., ghad-dannu tas-sidien u d-diretturi tal-istess kumpanija, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jaqbez elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329,37) u bil-persuna;

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja tal-imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat, l-fatt li l-imputat ikkopera fil-kors tal-investigazzjonijiet u l-fatt li huwa rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 268, 279 u 280 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn(2) millum.

Wara li rat l-Artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien ma' l-atti ta' dawn il-proceduri jintbaghtu ghand l-Avukat Generali fi zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------